X'inhija l-essenza tat-talb kontemplattiv? Hija l-mogħdija ta' fidi pura. Xejn aktar. M'hemmx bżonn tħossha, iżda hemm bżonn tipprattikaha.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.11*

(APage 11) Active Meditations for Contemplative Prayer

WIEĦED: Kontemplazzjoni, Talb Kontemplattiv 2

(It-talba kontemplattiva hija d-dinja li fiha)… id-dinjiet privati tagħna, li nkunu għamilnihom aħna stess, jaslu fit-tmiem; dinja ġdida tfeġġ ġewwa fina u madwarna, u l-impossibbli jsir esperjenza ta' kuljum. Madanakollu, id-dinja li t-talb jikxef bilkemm wieħed jinduna biha fil-ħajja tas-soltu.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.13*

(APage 12) Active Meditations for Contemplative Prayer

WIEĦED: Kontemplazzjoni, Talb Kontemplattiv 3

It-talba tal-kontemplazzjoni mhijiex daqstant in-nuqqas ta' ħsiebijiet iżda id-distakk minnhom. It-talba tal-kontemplazzjoni hija meta ninfetħu b'qalbna u b'moħħna, b'ġisimna u bl-emozzjonijiet – b'dak kollu li aħna – lejn Alla, il-Misteru Aħħari, lilhinn mill-kliem, mill-ħsibijiet u mill-emozzjonijiet.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart*

(APage 13) Active Meditations for Contemplative Prayer

WIEĦED: Kontemplazzjoni, Talb Kontemplattiv 4

It-talb kontemplattiv huwa dik id-dinja li fiha Alla jista' jagħmel kollox… Dan it-talb ifisser li tkun miftuħ għal Ta' Bla Qies, u għalhekk għal possibiltajiet bla qies.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.13*

(APage 14) Active Meditations for Contemplative Prayer

Fit-talb, <dak> li hu importanti huwa l-kwalità, mhux il-kwantità. Mument wieħed ta' unjoni divina tiswa aktar minn żmien twil ta' talb li matulu il-ħin kollu int tkun dieħel u ħiereġ mill-ħemda ġewwinija... F'mument wieħed biss, Alla jista' jimlik bill-ġid.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p. ???*
(APage 15) Active Meditations for Contemplative Prayer



Ix-xewqa li mmorru għand Alla, li ninfetħu għall-preżenza tiegħU fina, ma tiġix minna, mill-inizjattiva tagħna. Sabiex insibu lil Alla, m'hemm għalfejn immorru imkien għaliex Huwa diġà qiegħed jiġbidna b'kull mod immaġinabbli lejn għaqda miegħu stess. Hija aktar kwistjoni ta' ftuħ: li ninfetħu għal azzjoni li diġà qed issir fina.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.46*
(APage 16) Active Meditations for Contemplative Prayer



Ħaġa waħda m'hemmx dubju fiha: li ġaladarba nkunu ddeċidejna li nfittxu lil Alla, huwa diġà jkun qed ifittex lilna, u b'aktar ħeġġa, u m'hu se jħalli xejn jimblukkalu t-triq.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Heart of the World, p.41*
(APage 17) Active Meditations for Contemplative Prayer



Il-ħajja... magħquda m'Alla... mimlija sorpriżi. Tista' tibqa' żgur li dak li tistenna jiġri, ma jiġrix. Dik hija l-unika ċertezza li hemm fil-vjaġġ spiritwali.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart, p.105*
(APage 18) Active Meditations for Contemplative Prayer

Mhux l-attenzjoni iżda l-intenzjoni hija l-qofol tas-Centering Prayer (jew Talba tal-Kunsens). Forsi wieħed idum xi ftit biex jifhem din id-distinzjoni. F'din il-forma ta' talb ma jkollokx l-attenzjoni fuq il-kontenut ta' xi ħsieb partikolari. Minflok, ikollok intenzjoni li tasal sal-fond ta' ġewwa nett ta' dak li int, fejn temmen li jgħammar Alla.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart, p.39*

(Page 21) Active Meditations for Contemplative Prayer



(Is-Centering Prayer) hija … vjaġġ f'art mhux magħrufa. Hija sejħa biex timxi wara Ġesù billi tħalli warajk dawk l-istrutturi kollha, dawk il-ħwejjeġ ta' wens speċjali u anki dawk it-talb u devozzjonijiet li nużaw bħala krozzi. Dawn kollha sakemm ikunu parti mis-sistema tal-jien falz, nitilquhom.* … Il-jien falz huwa illużjoni.** Il-jien falz huwa il-metodu li aħna nużaw sabiex nagħmlu stampa ta' dak li aħna aħna u ta' dak li d-dinja hi.

* the fake self system

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart, p.72*

(Page 22) Active Meditations for Contemplative Prayer

Aktar w aktar ma ssir sensittiv għal-livell* spiritwali ta' dak li int, permezz tal-prattika ta' kuljum ta' din it-talba (Centering Prayer), aktar għandek mnejn tinduna bil-preżenza t'Alla li kultant tfeġġ  fil-ħajja u fl-aġir ta' kuljum. Għandek mnejn tħossok imsejjaħ li ddawwar wiċċek ġewwieni lejn Alla, mingħajr ma tkun taf għaliex. Il-kwalità tal-ħajja spiritwali tiegħek qed tiżviluppa, u qed tippermettilek tirċievi vibrazzjonijiet minn dinja li qabel ma kontx tinduna biha. Filwaqt li ma tkunx qed taħseb b'mod konxju dwar Alla, għandek mnejn tinduna li Huwa ta' sikwit preżenti f'nofs għemilek u xogħolok ta' kuljum.

* dimension

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart, p.37*
(Page 23) Active Meditations for Contemplative Prayer



Is-"Centering Prayer" huwa mod kif tirfina l-intuwizzjoni* b'mod li wieħed ikun jista' jidħol aktar faċilment fit-talb kontemplattiv. M'hijiex l-unika triq lejn il-kontemplazzjoni, iżda hija triq tajba. Bħala metodu, huwa speċi ta' sugu tal-ispiritwalità monastika... jeħtieġ li żżomm ċertu livell ta' ħemda ġewwinija fil-psike u fin-nervituri jekk trid tikseb il-frott tat-talb kontemplattiv.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart, p.34*
(Page 24) Active Meditations for Contemplative Prayer

Is-"Centering Prayer" huwa mod kif tirfina l-intuwizzjoni* b'mod li wieħed ikun jista' jidħol aktar faċilment fit-talb kontemplattiv. M'hijiex l-unika triq lejn il-kontemplazzjoni, iżda hija triq tajba. Bħala metodu, huwa speċi ta' sugu tal-ispiritwalità monastika… jeħtieġ li żżomm ċertu livell ta' ħemda ġewwinija fil-psike u fin-nervituri jekk trid tikseb il-frott tat-talb kontemplattiv.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart, p.34*

(Page 24) Active Meditations for Contemplative Prayer



Il-fidi pura twasslek eqreb lejn Alla milli tista' twasslek ebda ħaġa oħra. Li tintrabat ma' esperjenza ta' Alla mhuwiex Alla; huwa ħsieb. Il-ħin meta wieħed jagħmel is-Centering Prayer huwa l-ħin fejn wieħed jitlaq kull ħsieb, anke l-aħjar fost il-ħsibijiet. Jekk huma tassew tajbin, jerġgħu jiġu aktar tard.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart, p.57*

(Page 25) Active Meditations for Contemplative Prayer



Fi kwalunkwe ħaġa, jekk tesaġera tista' tistenna xi effetti ħżiena. Ferħ żejjed, bħal dieqa żejda, jgħajjik. L-iskop ta' din it-talba (Centering Prayer) mhijiex aktar talb jew aktar silenzju, iżda l-integrazzjoni tat-talb u s-silenzju mal-attività.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart, p.65*

(Page 26) Active Meditations for Contemplative Prayer

Il-preokkupazzjonijiet tas-soltu tagħna għandhom rabta ma' dawk is-sistemi ta' valuri li ma jkunux fil-konxju tagħna. Ċerti ħsibijiet donnhom jiġbduna għax ikollna ġibda lejhom. Din il-ġibda tkun frott ta' dak li ġie msammar fina waqt it-tfulija bikrija. Meta ħsibijiet minn dawk ifeġġulna, id-dwal tagħna jibdew kollha jpetptu! Dan minħabba dak l-investiment emozzjonali qawwi tagħna f'dawk il-valuri li dawn il-ħsibijiet jew jistimulaw jew jheddu jekk (kemm-il darba) nħarrġu lilna nfusna sabiex nitilqu, inċedu kull ħsieb u kull grupp partikulari ta' ħsibijiet.  Allura bil-mod il-mod jiżviluppa fina ħelsien mill-irbit u mit-tendenzi li jkaxkru.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart, p.45*

(Page 29) Active Meditations for Contemplative Prayer



Meta niċħdu il-jien ta' ġewwanett dan jinkludi li ninqatgħu mil-mod kif kif l-intellett u l-volontà tagħna draw jaħdmu; dawn huma l-fakultajiet l-aktar ġewwinija. Għal dan jista' jkun meħtieġ li nitilqu, inċedu, mhux biss il-ħsibijiet tas-soltu waqt it-talb, iżda wkoll l-aktar riflessjonijiet u l-aktar xewqat devoti li jkollna, jekk dawn inkunu għadna nqisuhom bħala mezz meħtieġ sabiex immorru għand Alla.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart, p.15*

(Page 30) Active Meditations for Contemplative Prayer



Kull ma naraw minn Alla ma jistax jkun ħlief biss dija tal-preżenza tiegħU, u mhux Alla kif inhU fih innifsU. ... Jekk nipprovaw nagħmlu distinzjoni bejn aspetti differenti tal-Misteru Aħħari, m'hemm xejn ħażin f'dan, iżda jkun żball jekk nimmaġinaw li dawn ikunu l-istess bħad-Dawl li ma jintlaħaqx.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.17*

(BPage 31) Active Meditations for Contemplative Prayer

Sakemm tkun tħossok magħqud m'Alla, dan ma jistax ikun għaqda sħiħa. Sakemm ikun hemm ħsieb wieħed, m'hix għaqda sħiħa. Il mument ta' għaqda sħiħa m'għandux ħsieb. Ma tkunx taf dwarha qabel ma toħrog minnha.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.74*

(BPage 32) Active Meditations for Contemplative Prayer



Tirreżistix l-ebda ħsieb, tiggranfax ma' ebda ħsieb, tirrejaġix emozzjonalment għal ebda ħsieb. Hija din ir-reazzjoni kif għandha tkun lejn … kwalunkwe tipi ta' ħsibijiet li jinżlu man-nixxiegħa tal-konxju, tal-għarfien.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.99*

(BPage 33) Active Meditations for Contemplative Prayer



Meta', kuljum regolarment, tirtira jew tersaq lura mil-ġiri tas-soltu ta' ħsibijiet superfiċjali, tinagħta perpettiva aktar penetranti dwar il-motivazzjoni tiegħek, u tibda tinduna li is-sistemi ta' valuri li dejjem għext bihom għandhom l-għeruq tagħhom f'attitudnijiet ta' qabel żmien ir-razzjonalità, attitudnijiet li qatt għadhom ma ġew iffaċċjati onestament u kompletament. … Dawk l-istruzzjonijiet u forzi oħrajn imsammrin fit-tfulija bikrija fl-emozzjonijiet tiegħek, li jkunu midfunin fil-parti inkonxja tal-moħħ, jibdew jitilgħu fil-wiċċ u jidhru hekk kif inhuma, bla tiżjin, fl-għarfien ċar.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.94*

(BPage 34) Active Meditations for Contemplative Prayer

TLIETA: Ħsibijiet 22

Jekk nieqfu milli nirriflettu dwarna nfusna, nimxuu lejjn sliem perfett. Din it-tendenza istintiva li wieħed ikun konxju tiegħu innifsu hija l-aħħar fortizza tal-egoċentriċità, it-tendenza li nkunu mhedijin bina nfusna.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.91*

(BPage 35) Active Meditations for Contemplative Prayer

TLIETA: Ħsibijiet 23

Il-qabżiet, daqqa l'hawn u daqqa l'hinn, bejn li tkun trankwill u li tissara mal-ħsibijiet huma parti minn proċess. Dan huwa raffinar tal-fakoltajiet tal-intuwizzjoni sabiex dawn ikunu kapaċi jkunu attenti, b'mod aktar w'aktar sod, għall-dan il-livell aktar fond.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.39*

(BPage 36) Active Meditations for Contemplative Prayer

ERBGĦA: Il-Kundizzjoni tal-Bniedem 24

It-talb kontemplattiv jindirizza l-kundizzjoni tal-bniedem preċiżament fejn din il-kundizzjoni tinstab.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love, p.5*

(APage 39) Active Meditations for Contemplative Prayer

ERBGĦA: Il-Kundizzjoni tal-Bniedem 25

Sinjal tal-vjaġġ spiritwali huwa li nagħru aktar u aktar il-motivazzjonijiet imħallta tagħna, il-partijiet imdallma tagħna, il-partijiet imdallma tal-personalitajiet tagħna u t-trawmi tat-tfulija bikrija.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love, p.67*

(APage 40)* Active Meditations for Contemplative Prayer

Il-parti l-kbira fostna għandna tagħbija tqila ta' mbarazz emozzjonali akkumulat mit-tfulija bikrija. Il-ġisem iservi bħala maħżen għal dan il-mterjal emozzjonali mhux iddiġerit. L-Ispirtu jagħti bidu għall-proċess ta' fejqan billi jeħles mill-imbarazz. Dan iseħħ permezz tas-serħan profond tal-moħħ u tal-ġisem waqt it-talb kontemplattiv

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Invitation to Love, p.110*

(APage 41) Active Meditations for Contemplative Prayer



Minħabba n-nuqqas tal-esperjenza ta' għaqda divina, inħossuna aljenati, maqtugħin minna nfusna, minn Alla, u mill-univers. Għalhekk, infittxu sostituti għal dik il-kuntentizza li hija d-destin tagħna iżda li ma nafux kif insibuh.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.5*

(APage 42) Active Meditations for Contemplative Prayer



L-għarfien tagħna nfusna, fit-tradizzjoni antika* Nisranija, ifisser li nagħrfu** il-motivazzjonijiet u l-esiġenzi emozzjonali tagħna li jkunu qed jinfiltraw*** ġol-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-attivitajiet tagħna, u jinfluwenzawhom, mingħajr ma nindunaw bihom fis-sħiħ.

* ascetic. Check dictionary & synonyms
** insight
*** percolating

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.94*

(APage 43) Active Meditations for Contemplative Prayer

Fil-kultura tagħna x'aktarx issib bosta attitudnijiet negattivi fejn ma nħossux (nħossuniex?) tajjeb dwarna nfusna. Dan minħanna l-istima baxxa li n-nies jiżviluppaw dwarhom infushom. Jista' jkun li dan jiġri minħabba li s-soċjetà tagħna hija waħda mibnija fuq kompetizzjoni kbira. Kull min ma jirbaħx iħoss li ma jiswa xejn, f'din il-kultura, mentri* fil-ħemda ta' talb profond inti persuna ħdida. Jew, aħjar, inti tassew inti.

* whereas (is this colloquialism?)

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.65*

(APage 44) Active Meditations for Contemplative Prayer



Il-preżenza divina dejjem kienet magħna, iżda aħna naħsbu li m'hix preżenti. Dak il-ħsieb huwa l-illużjoni monumentali tal-kundizzjoni tal-bniedem. Il-vjaġġ spiritwali magħmul biex ifejjaqha.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.90*

(APage 45) Active Meditations for Contemplative Prayer



Fit-talb kontemplattiv, l-Ispirtu jpoġġina f'qagħda ta' mistrieħ fejn ma jkollniex aptit nissieltu. Bid-dilka sigrieta taż-żejt* , l-ispirtu jfejjaq il-ġrieħi tan-natura umana fraġli tagħna fuq livell li huwa lilhinn minn dak li l-moħħ jinduna bih. Dan jiġri bħal meta persuna li tingħata l-loppju ma jkollha l-ebda idea ta' kif tkun sejra l-operazzjoni ħlief wara li tkun intemmet.

* secret anointing

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.45*

(APage 46) Active Meditations for Contemplative Prayer

Meta nwettqu din il-ħidma li biha inċedu ix-xewqat tagħna, il-perspettiva li jkollna dwar id-dinja, l-istampa tagħna nfusna, u kull m'hemm fil-jien falz, inkunu qed nieħdu sehem tassew fl-iżvujtar tiegħu nnifsu ta' Kristu stess.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Heart of the World p.22*
(APage 47) Active Meditations for Contemplative Prayer



Il-vjaġġ spiritwali mhuwiex vjaġġ ta' suċċess iżda huwa sensiela ta' episodji fejn il-jien jiċkien. San Bennard ta' Clairvaux, Pirjol Trappist* tas-seklu tnax, għallem li l-umiljazzjoni hija t-triq lejn l-umiltà.
* Abbot

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.97*
(APage 48) Active Meditations for Contemplative Prayer



Id-dnub personali huwa li nirrifjutaw li nwieġbu għall-grazzja t'Alla, jiġifieri li nirrifjutaw li nwieġbu għall-komunikazzjoni tiegħu nnifsu li jagħmel Kristu. Huwa li nitraskuraw apposta il-bżonnijiet ġenwini tagħna u dawk ta' ħaddieħor.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.129*
(APage 49) Active Meditations for Contemplative Prayer



Il-ġibda sabiex wieħed iċedi l-konsolazzjonijiet spiritwali, ħalli Alla jkun jista' jaġixxi b'libertà sħiħa, hija l-ġibda persistenti ta' l-Ispirtu. Aktar ma wieħed iċedi, aktar ma tissaħħaħ il-preżenza tal-Ispirtu.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.17*
(APage 50) Active Meditations for Contemplative Prayer

Sabiex titnaqqas il-kburija, m'hemm xejn aħjar mill-esperjenza ta' meta wieħed jagħraf lilu nnifsu. Jekk din tiskuraġġina ma nkunux fhimna it-tifsira tagħha.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Invitation to Love, p.67*

(APage 51) Active Meditations for Contemplative Prayer



[Alla] jibgħatilna f'ħajjitna persuni, u okkażjonijiet li ngħaddu minnhom. U naħsbu x'naħsbu dwarhom, dawn ikunu mfassla apposta għall-evoluzzjoni tal-ħajja tiegħu fina.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Heart of the World p.41*

(APage 52) Active Meditations for Contemplative Prayer



Li tkun tistenna kwalunkwe ħaġa speċifika – dan huwa xkiel. Dan għaliex huwa forma ta' rbit tal-qalb u għalhekk huwa xewqa li tikkontrolla.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.76*

(APage 53) Active Meditations for Contemplative Prayer



Ħafna mill-għawġ tagħna joħroġ mill-fatt li nistennew affarijiet b'mod mhux realistiku, affarijiet li ma jistgħux iseħħu.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Invitation to Love p.118*

(APage 53) Active Meditations for Contemplative Prayer



It-tbatija hija minsuġa mal-ħajja. Mhijiex għan fiha nnifisha, iżda hija parti mill-prezz li wieħed irid iħallas talli jkun maħbub b'qawwa kbira. L-imħabba, sew dik umana u sew dik divina, tagħmlek vulnerabbli.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.77*

(APage 57) Active Meditations for Contemplative Prayer

ĦAMSA: Kriżi 41

Il-vulnerabbiltà tfisser li titweġġa' darba wara l-oħra mingħajr ma tfittex li tħobb inqas – anzi, tħobb aktar.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.14*

(APage 58) Active Meditations for Contemplative Prayer

ĦAMSA: Kriżi 42

Il-falliment huwa t-triq lejn il-kunfidenza bla qies t'Alla. Ftakar dejjem li għandek biljun ċans.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.74*

(APage 59) Active Meditations for Contemplative Prayer

ĦAMSA: Kriżi 43

L-umiltà hija attitudni ta' sinċerità ma' Alla, miegħi nnifsi, u mar-realtà kollha kemm hi. Tħallina li jkollna l-paċi u li nistrieħu fi stat fejn jintnesa l-jien.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.132*

(APage 60) Active Meditations for Contemplative Prayer

ĦAMSA: Kriżi 44

Meta trażżan lilek innifsek l-iskop huwa <ikun?> id-distakk. Dan huwa attitudni mhux possessiva lejn ir-realtà kollha kemm hi – l-istat li jaqta' l-għeruq tas-sistema tal-jien falz. Il-jien falz huwa illużjoni enormi, tagħbija jew mażżra ta' forom ta' ħsieb u rutini emozzjonali maħżunin fil-moħħ u fis-sistema nervuża.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.16*

(APage 61) Active Meditations for Contemplative Prayer

Għandna nippruvaw naraw lil Kristu fl-interruzzjonijiet tal-pjanijiet tagħna, fid-diżappunti meta nkunu qed nistennew xi ħaġa; fid-diffikultajiet, fil-kuntradizzjonijiet u fis-slaleb li jkollna. Jiġri x'jiġri, "Nafu li f'kollox Alla jaħdem għat-tajjeb ma' dawk li jħobbuh." (Rum. 8:28)**

**check Bible ref. Text

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:*

(APage 62) Active Meditations for Contemplative Prayer



Din hija l-attitudni li Alla jistenna fi kriżi tal-fidi: li tafda fil-ħniena tiegħu, jitrattak kif jitrattak. Dwar il-mumenti fejn donnok ma tkunx milqugħ, huwa biss b'fidi qawwija li tista' tinfidhom, tifhem sew l-imħabba li tispirhom, u iċċedil għaliha fis-sħiħ.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Crisis of Faith, Crisis of Love p.29*

(APage 63) Active Meditations for Contemplative Prayer



Mill-perspettiva tal-ħajja divina, l-uġigħ jista' jkun ferħ. Huwa mod kif nissagrifikaw rwieħna kompletament f'ġieħ il-Maħbub. L-uġigħ jibqa' uġigħ, iżda jkollu kwalità differenti minn uġigħ normali.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.77*

(APage 64) Active Meditations for Contemplative Prayer



It-tbatija u l-mewt mhumiex għedewwa, iżda bibien li jwasslu għal livelli ġodda ta' għarfien u ta' mħabba.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Heart of the World p.19*

(APage 65) Active Meditations for Contemplative Prayer

Fil-ħniena bla tmiem tiegħu, Alla joqgħod lura milli jiġri jsalvana meta nkunu fit-tentazzjoni u fi żmien iebes. Ma jagħmilx xi ħaġa direttament għaliex il-ġlieda qed tiftaħ u tħejji kull rokna ta' dak li aħna għall-qawwa divina tal-grazzja. Alla qiegħed iġib bidla fina sabiex, meta il-ħajja divina tkun stabbiliet ruħha sew, inkunu kapaċi ingawduha fis-sħiħ. Jekk l-għajnuna divina tiġi kmieni wisq, qabel ma tkun twettqet il-ħidma ta' tisfija u fejqan, għandu mnejn iżżommna milli fl-aħħarnett inkunu kapaċi ngħixu l-ħajja divina.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.82*
(APage 66) Active Meditations for Contemplative Prayer



Meta mill-fidi tkun kibret kunfidenza, fejn inħossuna kunfidenti, il-kriżi tal-fidi tkun għamlet xogħolha, u l-kriżi nnifisha tkun instab tarfha w inħallet. Jirrenja sliem ġewwieni profond.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Crisis of Faith, Crisis of Love p.32*
(APage 69) Active Meditations for Contemplative Prayer



It-triq tal-fidi hija li nippersistu fil-ħidma kontemplattiva mingħajr ma noqogħdu ninkwetaw dwar fejn wasalna fil-vjaġġ, u mingħajr ma nqabblu lilna nfusna ma' oħrajn u nqisu d-doni tagħhom bħala aħjar minn tagħna… Fil-fidi pura, ir-riżultati ħafna drabi jkunu misturin anke minn dawk li l-aktar ikunu qed jikbru.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.118*
(Apage 70) Active Meditations for Contemplative Prayer

SITTA: Fidi 52

Meta mill-fidi tkun kibret kunfidenza, fejn inħossuna kunfidenti, il-kriżi tal-fidi tkun għamlet xogħolha, u l-kriżi nnifisha tkun instab tarfha w inħallet. Jirrenja sliem ġewwieni profond.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Crisis of Faith, Crisis of Love p.32*
(APage 69) Active Meditations for Contemplative Prayer

SITTA: Fidi 53

It-triq tal-fidi hija li nippersistu fil-ħidma kontemplattiva mingħajr ma noqogħdu ninkwetaw dwar fejn wasalna fil-vjaġġ, u mingħajr ma nqabblu lilna nfusna ma' oħrajn u nqisu d-doni tagħhom bħala aħjar minn tagħna... Fil-fidi pura, ir-riżultati ħafna drabi jkunu misturin anke minn dawk li l-aktar ikunu qed jikbru.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.118*
(APage 70) Active Meditations for Contemplative Prayer

SITTA: Fidi 54

Il-fidi tesiġi li nċedu kompletament il-fakultajiet kollha tagħna u dak kollu li aħna aħna bil-verità ta' ġewwa fina u ta' barra minna.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Heart of the World p.40*
(APage 71) Active Meditations for Contemplative Prayer

SITTA: Fidi 55

Malli nibdew irridu naraw u nifhmu, jew niddependu fuq kunċetti jew emozzjonijiet sabiex immorru għand Alla, inkunu qed nirtiraw mill-fidi.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Heart of the World p.40*
(APage 72) Active Meditations for Contemplative Prayer

Alla jgħinna nneħħu l-identifikazzjoni tagħna nfusna ma ideat maħsubin minn qabel billi jdawwalna minn ġewwa bid-doni kontemplattivi tal-iSpirtu. Permezz tal-infużjoni tad-dawl tiegħu u l-garanzija tal-imħabba tiegħu, iħallina naraw id-dgħufijiet u d-defiċjenzi tagħna – dan mhux sabiex jegħlibna bil-qtigħ il-qalb, iżda sabiex jagħtina kuraġġ ħalli nafdaw lilna nfusna kompletament fil-ħniena tiegħu bla qies.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.70*

(APage 73) Active Meditations for Contemplative Prayer



Jekk tfittxu għall-preżenza tiegħU li tista' tħossha, jistaħbielek.  Jekk tfittxU fil-fidi, jiġifieri għalih innifsu - ssibU.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Crisis of Faith, Crisis of Love p.47*

(APage 74) Active Meditations for Contemplative Prayer



Hija biss il-fidi li tista' tara lil Alla joħroġ rebbieħ fost it-tbatija tal-bniedem, u jwettaq ir-renju ta' mħabba divina.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Heart of the World p.19*

(APage 75) Active Meditations for Contemplative Prayer



Id-dawl divin tal-fidi huwa totalment disponibbli skond kemm nagħtu l-kunsens tagħna u skond kemm incedu lilna nfusna għall-presenza u l-azzjoni tagħha fina.  Hija tfeqjjaq il-grieħi ta' ħajja sħiħa, u twassalna sal-unjoni transformattiva waqt li ssaħħaħna sabiex nidħlu fil-programm redentiv ta' Kristu – l-ewwel bil-fejqan tal -feriti fondi tagħna, u mbagħad billi nieħdu sehem fil-fejqan ta' oħrajn.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.119*

(CPage 76) Active Meditations for Contemplative Prayer

L-għaqda trasformattiva hija ristrutturar tal-konxju, tal-għarfien*, mhux xi esperjenza jew sensiela ta' esperjenzi.
*consciousness

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.93*
(APage 79) Active Meditations for Contemplative Prayer



Fl-għaqda trasformattiva bħala stat dejjiemi, it-tendenza x'aktarx hija li tkun mingħajr esperjenzi straordinarji, u li tgħix ħajja normali ta' kuljum b'mod li ma jiġbidx l-attenzjoni... Wieħed ikun totalment ħieles mir-riżultati, u ma jġibx l-identità tiegħu minn xi rwol glamoruż*, iżda jkun sempliċement, bħal Alla, il-qaddej tal-ħolqien.

*glamorous: affaxxinanti, attraenti

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.111*
(APage 80) Active Meditations for Contemplative Prayer



Fl-unjoni divina, il-"jien" kbir ta' Ġesù Kristu jsir il-"jien" tagħna. L-identità tagħna tkun imsejsa fih u mhux fl-interessi tagħna. Jekk għad għandna xi nteressi nkunu lesti li nċeduhom fuq talba tal-Ispirtu. ...

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.111*
(CPage 81) Active Meditations for Contemplative Prayer

L-enerġija divina fiha nnifisha hija potentenzjalità bla qies u twettiq bla qies*. Il-kreaturi huma minfestazzjonijiet jew twettiq tagħha fi mkejjen partikolari**. Jekk m'hemmx ostaklu fina, jekk m'hemmx il-jien falz, inkunu trasmettituri li permezz tagħhom il-preżenza divina bħala mħabba bla tarf u mogħdrija tikkomunika lilha nnifisha lil oħrajn. Din it-trasmissjoni jkollha effett fuq medda ta' ċrieki dejjem usa'.

*infinite potentiality and actuality
* localised manifestations of it

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.102*
(Cpage 82) Active Meditations for Contemplative Prayer



L-imħabba divina tittrijonfa fuq kull ostaklu, inclużi it-tbatija u l-mewt.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Heart of the World p.21*
(Cpage 83) Active Meditations for Contemplative Prayer



Meta jintħatt il-jien falz, l-unjoni transformattiva tkun il-frott. Malli il-jien falż ikun intħatt sa kemm ma jkun baqa' xejn, isseħħ l-unjoni trasformattiva. Attitudni mhix possessiva lejn kollox, inklużi aħna nnifisna, tiġi stabblita għax m'hemmx aktar "jien" egoċentriku li jippossiedi xi ħaġa. Dan ma jfissirx li ma nużawx l-affarijiet tajba tal-ħajja, iżda issa dawn m'humiex finijiet fihom innifishom imma iċ-ċangaturi tal-passagg lejn il-preżenza t'Alla. ... kull ma jeżisti jsir transparenti għal dak li huwa veru, sabiħ, u tajjeb fih.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p 102*
(Cpage 44) Active Meditations for Contemplative Prayer

L-unjoni trasformattiva m'hijiex biljett b'xejn sal-hena f'din id-dinja. Għal xi wħud, din tista' tfisser ħajja ta' solitudni totali mimilja b'sens li tkun maqtugħ jew imwarrab waħdek*; għal oħrajn, tista' tfisser apostolat attiv li jimpedixxi li wieħed igawdi il-frott tal-unjoni divina; mentri għal oħrajn tista' tfisser tbatija qawwija – fiżika, mentali jew spiritwali – ji jġarrbu għal xi intenzjoni speċjali jew għall-familja tal-umanità kollha kemm hi.

* loneliness

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p 105*
(Cpage 85) Active Meditations for Contemplative Prayer



L-isforz uman ikun qed jiddependi fuq il-grazzja fil-waqt stess li jkun qed jistidinha. Hu x'inhu il-grad ta' unjoni divina li nistgħu nilħqu, dan' ma jikkorrispondix għall-qawwa tal-isforz li nagħmlu aħna. M'huwiex ħlief rigal mill-imħabba divina.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.132*
(CPage 86) Active Meditations for Contemplative Prayer



Il-qadi mingħajr tfittxija ta' kumpens hija karatteristika tar-Realtà Aħħarija. Dawk li jkun fl-għaqda trasformattiva jkunu qed jibdew jiskopru dan. Għalhekk, huma wkoll isiru qaddejja u mhux ħakkiema.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Invitation to Love p.103*
(CPage 87) Active Meditations for Contemplative Prayer

Id-dlam tas-sensi jippermettilna naraw li il-programmi emozzjonali għall-feliċità ġejjin mill-egoismu. Jekk inċedu ix-xewqat tagħna għas-sodisfazzjon f'dawn l-oqsma, nimxu lejn disposizzjoni permanenti għas-sliem. Hsibijiet u emozzjonijiet skonvolġenti ifeġġu, iżda ma jibqgħux jiżviluppaw b'bawxati emozzjonali. L-energija enormi li kienet tkun meħtieġa biex iġġarrab l-emozzjonijiet li jweġġgħu … issa ħielsa sabiex tintuża għal skopijiet aktar utli, bħal, per eżempju, li nħobbu il-persuni li ngħixu magħhom u li qed nippruvaw inservu.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.76*

(CPage 88) Active Meditations for Contemplative Prayer



L-unjoni divina, l-għaqda ma' Alla, huwa l-iskop tal-insara kollha. Irċevejna l-magħmudija; irċevejna l-Ewkaristija; għandna kull ma huwa meħtieġ biex nikbru bħala bnedmin u bħala ulied Alla. Huwa żball li taħseb li dan jista' jsir biss permezz ta' stat speċjali tal-ħajja.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Open Mind Open Heart p.33*

(APage 89) Active Meditations for Contemplative Prayer



Is-silenzju huwa l-ewwel ilsien ta' Alla; kull haġ' oħra hija traduzzjoni medjokri. Sabiex nisimgħu dik il-lingwa, jeħtieg nitgħallmu nidħlu fil-ħemda u nistrieħu f'Alla.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.90*

(Cpage 99) Active Meditations for Contemplative Prayer



In-natura donnha ħalliet fina bżonn għall-ħemda ġewwinija. Infittxuha bħal ma nfittxu nerġgħu lura lejn xi post fejn ikun hemm is-sigurtà, il-kenn, u l-imħabba

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Heart of the World p.9*

(Cpage 100) Active Meditations for Contemplative Prayer

Din il-Preżenza hija immensa, izda tant umli; tqanqal biża' w qima flimkien, iżda hija tant ġentli; bla tarf, iżda tant intima, tenera u personali. ... din il-Preżenza tfejjaq, issaħħaħ, rinfreskanti . ... Bieb jinfetaħ fija, iżda minn-naħħa l-oħra. Donni togħmta qabel, din il-ħlewwa misterjuza ta' din il-Preżenza li tiċċirkonda, tixtered u timla.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Heart Open mind p.137*

(Cpage 101) Active Meditations for Contemplative Prayer



L-aktar silenzju effettiv iseħħ meta l-anqas biss qed tinduna li tkun silenzjuż...

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Heart of the World p.65*

(Cpage 102) Active Meditations for Contemplative Prayer



Nihtennew bis-sabar; fil-ħemda, bi ftuħ, u bi stennija siekta; mingħajr taħrik minn ġewwa u minn barra. Inċedu għall-ġibda lejn il-ħemda, lejn li nkunu maħbuba, lejn li sempliċement inkunu.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.137*

(Cpage 103) Active Meditations for Contemplative Prayer



Ġaladarba nkunu sirna imsejsin sew fis-ħemda ġewwinija, din takkumpanjana jew tiġri warajna matul il-ħajja ta' kuljum. Għalkemm taħdidiet ma' Alla fuq livelli oħra jkomplu jfeġġu spontanjament, is-silenzju ġewwieni jibqa' il-forma ewlenija tad-djalogu.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Heart of the World p.58*

(page 104) Active Meditations for Contemplative Prayer

Il-ħemda ġewwinija hija waħda minn dawk l-esperjenzi tal-bnedmin li l-aktar isaħħuh u juruh is-siwi tiegħu. Infatti m'hemm xejn li jurina s-siwi tagħna aktar mill-esperjenzi tal-preżenza t'Alla. Dik ir-rivelazzjoni tgħidlek, aħjar milli tista' tgħidlek kwalunkwe ħaġ'oħra, "Inti bniedem tajjeb. Jiena ħloqtok, u nħobbok."

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.66*

(APage 105) Active Meditations for Contemplative Prayer



Ġaladarba nkunu sirna ankrati sew fis-silenzju ġewwieni, dan jakkumpanjana jew jiġri warajna matul il-ħajja ta' kuljum. Għalkemm taħdidiet ma' Alla fuq livelli oħra jkomplu jfeġġu spontanjament, is-silenzju ġewwieni jibqa' il-forma ewlenija tal-komunikazzjoni.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Heart of the World p.58*

(APage 106) Active Meditations for Contemplative Prayer



Waqt li qiegħed tkun il-ħin kollu msaħħaħ mill-preżenza t'Alla f'ħemda ġewwinija, inti ma jkollokx biża' li xi ħadd ma jaqbilx miegħek jew jimponi fuqek. Għandek mnejn tkun umli biżżejjed biex titgħallem xi ħaġa mill-insulti u mill-umiljazzjonijiet mingħajr ma' tinħakem minn emozzjonijiet bħal m'huma li tqis li inti stess ma' tiswa xejn, jew li tixtieq tpatti.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.65*

(APage 107) Active Meditations for Contemplative Prayer



Tweġiba kompleta għal Kristu tista' ssir biss meta nisimgħu l-kelma tiegħu fuq kull livell tal-eżistenza tagħna, inkluż il-livell tal-fond nett li huwa dak tas-silenzju ġewwieni.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Heart of the World p.32*

(APage 109) Active Meditations for Contemplative Prayer

L-Ispirtu s-Santu ispira lil dawk li kitbu l-Iskrittura. Huwa wkoll f'qalbna fejn jispirana u jgħallimna kif naqraw u nisimgħu. Meta dawn iż-żewġ ispirazzjonijiet jingħaqdu, nifhmu tassew x'qed tgħid l-Iskrittura, jew almenu x'inhuwa dak li Alla, f'dan il-mument, qed jgħidilna permezz tagħha.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Heart of the World p.47*

(APage 111) Active Meditations for Contemplative Prayer



Is-silenzju ġewwieni huwa ħamrija* perfetta sabiex tinbet iż-żerriegħa tal-imħabba divina. Fil-Vanġelu, l-Mulej jitkellem dwar iż-żerriegħa tas-siġra tal-mustarda bħala xbiegħa tal-imħabba divina. Hija l-iżgħar fost iż-żrieragħ iżda għandha kapaċità enormi li tikber. L-imħabba divina kapaċi tnibbitna, iġġib fina mixja 'l quddiem u trasformazzjoni. L-iskop tat-talb kontemplattiv huwa li jwitti il-proċess ta' trasformazzjoni ġewwinija.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.45*

(APage 112) Active Meditations for Contemplative Prayer



L-esperjenza ġewwinija hija ingranata għall-azzjoni. Hi magħmula b'mod li trattab it-tendenzi li jduru mal-fus tal-jien; li teħlisna minn dak li mhuwiex ħieles fil-motivazzjoni tagħna; u li tiftaħna għal kollox lejn Alla u lejn qadi sinċier tal-oħrajn.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Heart of the World p.13*

(APage 116) Active Meditations for Contemplative Prayer

DISGĦA: Qadi 84

Mingħajr kuxjenza soċjali wieħed ma jistax ikun nisrani. M'hemmx għalfejn bniedem ikun bil-ġuħ, lanqas għal jum wieħed. Ir-riżorsi hemm qegħdin. Allura għaliex miljuni jkomplu jmutu bil-ġuħ? It-tweġiba żgur li hi ir-regħba.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Invitation to Love p.125*

(APage 117) Active Meditations for Contemplative Prayer

DISGĦA: Qadi 85

It-talb kontemplattiv huwa tħejjija għall-azzjoni, għal dik l-azzjoni li titwieled mill-ispirazzjoni tal-Ispirtu bil-waqfien tal-inkwiet u t-tbaqbiq, tax-xewqat, tal-problemi, fittaġnijiet, u dgħufiji tagħna. Silenzju bħal dan jippermetti, bl-aħjar mod, lil Alla jitkellem.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.64*

(APage 118) Active Meditations for Contemplative Prayer

DISGĦA: Qadi 86

L-istat kontemplattiv jiġi stabbilit meta t-talb kontemplattiv, li jkun beda bħala esperjenza jew sensiela t'esperjenzi, ikun sar stat dejjiemi tal-konxju tagħna. Fl-istat kontemplattiv, wieħed ikun jista' jistrieħ u jaġixxi fl-istess ħin, għaliex ikollu l-għeruq fl-għajn kemm tal-mistrieħ u kemm tal-aġir.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.75*

(APage 119) Active Meditations for Contemplative Prayer

DISGĦA: Qadi 87

Wara li nkunu rċevejna l-imħabba divina, parti importanti mit-tweġiba hija li ngħadduha lill-għajrna, skond kif jixraq f'dan il-mument.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.103*

(APage 120) Active Meditations for Contemplative Prayer

DISGĦA: Qadi 88

Hekk kif ir-relazzjoni ta' intimità ma' Alla tibda tasal aktar fil-fond, m'għandekx ittawwal bla rażan il-ħin tat-talb. Meta jkun hemm xi dover li għandek tagħmel, trid tissagrifika għal dak il-waqt, il-ġibda li jkollok lejn is-silenzju ġewwieni.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.77*

(APage 121) Active Meditations for Contemplative Prayer

DISGĦA: Qadi 89

Is-solitudni mhijiex daqstant xi post; hija l-attitudni ta' wieħed iddedikat fis-sħiħ għal Alla. Meta wieħed ikun ingħata kollu kemm hu lil Alla, dejjem jkollu il-qsim ta' ħajtu u tad-doni tiegħu ma' oħrajn.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.131*

(APage 124) Active Meditations for Contemplative Prayer

DISGĦA: Qadi 90

Il-ħaġa li tippermetti lil Alla jgħix fid-dinja mhijiex daqstant dak li nagħmlu iżda dak li nkunu. Meta l-preżenza t'Alla titla' fil-wiċċ mill-aktar livelli <saffi?> ġewwinija tagħna u tasal sal-ħajja ta' kuljum, jiġri li sew jekk nimxu matul it-triq u sew jekk nixorbu kikkra soppa, il-ħajja divina tkun qed titferra' għal ġod-dinja.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Open Mind Open Heart p.63*

(APage 125) Active Meditations for Contemplative Prayer

GĦAXRA: Mill-Vanġelu – Sisien fl-Iskrittura 91

Il-paċi hija r-rigal tassew kbir ta' Ġesù f'jum il-qawmien tiegħu. Is-sliem li Ġesù joffri mhuwiex sentimentali. Dan is-sliem huwa lilhinn mill-ferħ u n-niket, mit-tama u dispràment. Dan is-sliem għandu l-għeruq f'mod ta' eżistenza* li huwa lilhinn mill-emozzjonijiet.

*way of being

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from:* *Invitation to Love p.111*

(APage 129) Active Meditations for Contemplative Prayer

Il-grazzja tal-Milied hija li tkun taf lil Ġesù fl-umanità tiegħu. Il-grazzja tal-Epifanija hija li tkun tafu fid-divinità tiegħu. Il-grazzja tal-Ġimgħa il-Kbira hija li tkun tafu fl-iżvujtar u l-mewt tiegħu. Il-grazzja tal-Għid hija li tkun tafu fir-rebħa glorjuża fuq id-dnub u l-mewt. U l-grazzja tat-Tlugħ fis-Sema hija li tkun tafu kollu kemm hu, bħala l-Kristu Kożmiku, Universali… li tkun tak lil Kristu fil-milja tal-glorja, li wasal, mhux ġo xi post ġeografiku, iżda fil-qiegħ fond tal-ħolqien kollu kemm hu.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Heart of the World p.74*

(APage 130) Active Meditations for Contemplative Prayer



Il-grazzja tat-Tlugħ is-Sema, tal-Apsi tagħtina ċans nagħrfu il-qawwa irreżistibbli tal-Ispirtu li titrasforma kull ħaġa fi Kristu, minkejja l-fatt li kultant dan ma jkunx jidher li qed isir. Fil-miżerja tal-getto, tal-kamp tal-battalja <gwerra?>, tal-kamp ta' konċentrament; fl-orfanatrofju fejn tħossok maqtugħ waħdek, fid-dar tal-anzjani, jew fis-sala tal-isptar, id-dawl tal-Apsi**, tat-Tlugħ is-Sema, jkun qed jaqbad, jaħraq, b'qawwa irreżistibbli. Din l-intuwizzjoni** hija fost l-akbar tal-fidi.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Heart of the World p.73*

(APage 131) Active Meditations for Contemplative Prayer



It-tielet Beatitudni, "Ħenjin il-……" hija dwar it-tendenza li wieħed ifittex is-setgħa, <poter?> bħallikieku riedet tgħid "Kemm tkun kuntent li kieku ma kellekx ix-xewqa li tikkontrolla li jkun qed jiġri, lill-bnedmin oħra, jew lil ħajtek stess – u li kieku kont ħieles biżżejjed biex taċċetta insulti u inġustizzji mingħajr ma titfarrak."

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.106*

(APage 135) Active Meditations for Contemplative Prayer

"Ħenjin dawl li jagħdru u jħennu – lilhom tintwera l-ħniena" hija l-Beatitudni li fiha il-moħħ huwa konxju kompletament tiegħu nnifsu. (Dan, fil-livell ta' żvilupp li ...qed ... insejħulu "mentali-egoiku"). F'dan l-istat insiru tassew umani. Ir-reazzjonijiet tagħna lejn il-ħajja ...[isiru] koperattivi, mingħajr ġudizzju, u li jilqgħu u jaċċettaw lill-oħrajn. Din il-Beatitudni twettaq il-kmandament ġdid ta' Ġesù, "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien." (Gw.15:12)

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.109*

(APage 136) Active Meditations for Contemplative Prayer



Il-beatitudni "Ħenjin Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, ..." hija dwar l-identifikazzjoni żejda mal-grupp soċjali tagħna u teħlisna mill-bżonn urġenti li nkunu aċċettati u approvati mill-grupp. Sabiex nilqgħu l-istedina tal-Vanġelu, jeħtieġ li ma nillimitawx irwieħna biss għal dik l-imġieba li tkun irrispettata jew obbligata mill-grupp soċjali partikolari li nkunu mseħbin fih... Inkunu nistgħu nibqgħu fi ħdan it-tradizzjoni jew grupp tagħna waqt li fl-istess ħin imħabirku għat-tiġdid tagħhom.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.107*

(APage 137) Active Meditations for Contemplative Prayer



Fis-seminarju illum hemm il-periklu li tagħrif dwar it-teoloġija u dwar l-iskrittura għandu mnejn jgħaddu mill-imħuħ tal-professuri sal-imħuħ tal-istudenti mingħajr ma jgħaddi minn ġol-qlub la ta' wieħed u lanqas tal-ieħor. Sakemm il-messaġġ tal-Vanġelu ma jsibx postu f'qalbhom, dan ikun ħaġa li wieħed forsi jippriedka iżda mhux ħaġa li wieħed jgħix.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Heart of the World p.45*

(APage 142) Active Meditations for Contemplative Prayer

Hemm lajċi li jgħixu ħajja kwieta u ta' talb fid-dinja, li jaħsbu li mhumiex kontemplattivi għax qatt ma saru sorijiet jew patrijiet. Hemm membri anzjani tal-ordnijiet reliġjużi li jaħsbu li mhumiex kontemplattivi minħabba ċerti fehmiet żbaljati dwar it-talb kontemplattiv li kien hemm f'dawn l-aħħar ftit sekli. Dawn kollha għandu mnejn ikollhom tant qdusija li lanqas biss iħossuhom imħawwda b'dak li jidher qisu l-falliment tagħhom bħala kontemplattivi. Din hija r-rebħa tas-satra, tal-mistur.*

* the triumph of hiddenness

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.119*

(APage 143) Active Meditations for Contemplative Prayer



Fl-aħħarnett tajjeb illi nagħmlu kelmtejn ta' twissija. Nistgħu nitkellmu dwar "il-pjan" divin, u nagħmlu riassunt tal-istadji tal-vjaġġ spiritwali kif ippreżentawhum l-għalliema kbar tat-tradizzjoni tagħna. Iżda madanakollu, l-uniku ħaġa li nistgħu nkunu ċerti minna fil-vjaġġ spiritwali huwa li dak li nkunu qed nistennew ma jseħħx. Alla mhuwiex imxekkel mill-ideat tagħna... B'xi mod jew ieħor jeħtieġ li nafdaw: li nieħdu dik il-qabża kbira għal ġo post li ma nafuhx.

*Fr Thomas Keating ocso* *(c) from: Invitation to Love p.100*

(APage 144) Active Meditations for Contemplative Prayer